**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, l-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 2016**

**Kawża Numru 4 (Kost.)**

**Rik. Nru. 40/10JRM**

George **DEBONO**, Antoniette Debono, Anthony Debono, Lorenza Debono, Erminia Scerri, Anthony Scerri, Erminia *sive* Amy Debono, Joseph Debono, Wendy Debono, Michael Angelo *sive* Ġino Refalo, Anne Refalo, Marie Elena *sive* Mariella Abela, Albert Edward Abela, l-Avukat Duttur tal-Liġi Michael Refalo, Blanche Refalo, John Refalo, Mary Camilleri, il-Maġġur Anthony Camilleri, Maria Giacinta *sive* Cynthia Caruana Turner, Anthony Caruana, Edward James *sive* Edward Turner, Giuseppe Corrado Mazzone, Luigi Filippo *sive* Gino Mazzone, Maria Micallef, Mary Stacy Hoffman, Censi Ondina, Luigi Mazzone, Elena Mazzone Nicoletti, James Bianchi, Alexander Bianchi, Angela Bianchi u Catherine Żammit Tabona

vs

**KUSTODJU TAL-PROPRJETA' TAL-GĦADU**, Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (a) issib li t-teħid min-naħa tal-Gvern Malti tal-fond numru disgħin ittra A (90A), fi Triq it-Tejatru l-Qadim, Valletta u tal-appartament numru erbgħa (4) mill-post numru tlieta u erbgħin ittra J (43J), Binja San Pawl, Triq il-Punent, Valletta jammonta għal esproprju ta' ġidhom u jiksrilhom il-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom kif imħarsin bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u kif ukoll bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; (b) issib li l-artikolu 4(7) tal-Att dwar il-Proprjeta' ta' l-Għadu (Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta) jikser l-imsemmi dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom u għall-ħarsien mit-teħid ta' ġidhom mingħajr kumpens xieraq; (ċ) issib li l-ordni magħmula għat-teħid tal-imsemmija żewġ fondi favur il-Gvern ta' Malta ma tiswiex u b'hekk tħassarha u kif ukoll tħassar it-titolu reġistrat f'isem il-Gvern ta' Malta fir-Reġistru tal-Artijiet, u minflok issib li ż-żewġ postijiet imsemmija huma ġid tar-rikorrenti fi proprjeta' assoluta u li għandhom hekk ikunu reġistrati fir-Reġistru tal-Artijiet f'isem l-istess rikorrenti; u (d) fin-nuqqas, tillikwida somma li titħallas lilhom b'kumpens xieraq għall-imsemmi teħid, liema kumpens jitħallas lilhom mill-intimati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2010, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għall-21 ta' Ottubru, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-7 ta' Lulju, 2010, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-azzjoni tar-rikorrenti ma setgħetx titressaq u hija fiergħa u abbużiva għall-finijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni għaliex it-'teħid' li minnu jilmintaw ir-rikorrenti ma kien teħid xejn, iżda dak li ġara fl-1939 kien li ġid ta' l-għadu kien jinżamm b'kustodja fuq ordni tal-Gvernatur taħt l-artikolu 8 tal-Ordinanza tal-1939 dwar il-Kummerċ ma' l-Għadu. Meta fl-1963 għadda l-Att tal-1963 dwar il-Proprjeta' tal-Għadu (Kap 179), il-liġi bdiet tipprovdi dwar dħul minn flejjes imħaddmin mill-Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu. F'emendi li ddaħħlu fl-imsemmi Att bl-Att XVI tal-1999, ingħata żmien sal-31 ta' Diċembru, 2002, biex min kien jippretendi li huwa sid ta' xi ġid amministrat mill-Kustodju, kellu jagħmel talba lill-istess Kustodju biex jgħaddi l-ġid lura lis-sidien, ħlief għal ġid li kien imsemmi fi skeda mal-Att

(liema skeda kienet tinkludi l-postijiet mertu ta' din il-kawża) li kellhom jgħaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2003. L-intimati laqgħu wkoll billi qalu li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ir-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedju mogħti lilhom bl-artikolu 4 tal-Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll rimedju taħt il-liġi ċivili maħsub biex jistabilixxu t-titolu tagħhom għall-ġid imsemmi u t-tħassir tat-titolu reġistrat favur il-Gvern ta' Malta taħt il-liġi ordinarja. L-intimati żiedu jgħidu li r-rikorrenti jridu juru l-interess ġuridiku tagħhom u jġibu 'l quddiem prova li huma ħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) jew l-artikolu 40 tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u d-Donazzjoni (Att XLVII tal-1973) skond il-każ. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa u li ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għaliex ma kien hemm l-ebda teħid forzuż ta' xi ġid min-naħa tal-awtorita' pubblika, u lanqas kien hemm xi ndħil mill-awtorita' fit-tgawdija tal-ġid billi sal-2002 ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda pussess fuq iż-żewġ postijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2010[1], li bih tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq ta' provi dwar uħud mill-eċċezzjonijiet imqajmin mill-intimati għal dak li jirrigwarda l-'interess ġuridiku' tar-rikorrenti u l-kwestjoni tar-'rimedju ordinarju';

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mir-rikorrenti fl-1 ta' Diċembru, 2010[2];

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2013, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-8 ta' Marzu, 2013[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-22 ta' April, 2013[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 177 sa 182 tal-proċess
[4] Paġġ. 184 sa 192 tal-proċess

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrenti, qraba ta' mara miżżewġa Ġermaniż, li kienet tiġi oħt nanniethom min-naħa tal-missier, jgħidu li l-ġid li nżamm mill-awtoritajiet ċivili fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija bis-saħħa tal-Ordinanza tal-1939 dwar il-Kummerċ mal-Għadu[5] kien ġid tagħhom u ma setax jaqa' f'idejn il-Gvern. Iridu li t-teħid min-naħa tal-Gvern tal-imsemmi ġid bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att XII tal-1963 dwar il-Proprjeta' tal-Għadu[6] jitqies bħala teħid imġiegħel magħmul bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Konvenzjoni") għaliex ma ngħata lilhom l-ebda kumpens. Jitolbu wkoll li l-artikolu 4(7) tal-Att XII tal-1963 jitqies li jikser l-imsemmi jedd tagħhom, u li kull reġistrazzjoni ta' titolu magħmula mill-Gvern fir-Reġistru tal-Artijiet dwar l-istess ġid titqies bla siwi. Iridu li l-Qorti tħassar l-imsemmija reġistrazzjonijiet u ssib li l-ġid huwa tagħhom b'titolu assolut u li hekk imissu jkun reġistrat fir-Reġistru tal-Artijiet. Fl-aħħarnett jitolbu li, jekk kemm-il darba ma jistgħux jintlaqgħu t-talbiet għar-radd lura tal-ġid, il-Qorti tillikwida l-kumpens xieraq biex jitħallas lilhom minħabba l-imsemmi teħid imġiegħel;

Illi għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Bdew biex jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrenti ma setgħetx titressaq u hija fiergħa u abbużiva għall-finijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni għaliex it-'teħid' li minnu jilmintaw ir-rikorrenti ma kien teħid xejn, iżda dak li ġara fl-1939 kien li ġid ta' l-għadu kien jinżamm b'kustodja fuq ordni tal-Gvernatur taħt l-artikolu 8 tal-Ordinanza tal-1939 dwar il-Kummerċ ma' l-Għadu. Meta fl-1963 għadda l-Att tal-1963 dwar il-Proprjeta' tal-Għadu (Kap 179), il-liġi bdiet tipprovdi dwar dħul minn flejjes imħaddmin mill-Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu. F'emendi li ddaħħlu fl-imsemmi Att bis-saħħa tal-Att XVI tal-1999, ingħata żmien sal-31 ta' Diċembru, 2002, biex min kien jippretendi li huwa sid ta' xi ġid amministrat mill-Kustodju, kellu jagħmel

[5] Ordinanza XLVII tal-1939 (daħlet fis-seħħ fis-6.9.1939) li kienet maħsuba biex tagħmel dispożizzjonijiet dwar il-proprjeta' tal-għedewwa u ta' sudditi għedewwa u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-ġid (ara Dok "AG1", f'paġġ. 157 sa 163 tal-proċess)
[6] Kap 179

talba lill-istess Kustodju biex jgħaddi l-ġid lura lis-sidien, ħlief għal ġid li kien imsemmi fi skeda mal-Att (liema skeda kienet tinkludi l-postijiet mertu ta' din il-kawża) li kellhom jgħaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2003. L-intimati laqgħu wkoll billi qalu li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ir-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedju mogħti lilhom bl-artikolu 4 tal-Kapitolu 179 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll rimedju taħt il-liġi ċivili maħsub biex jistabilixxu t-titolu tagħhom għall-ġid imsemmi u t-tħassir tat-titolu reġistrat favur il-Gvern ta' Malta taħt il-liġi ordinarja. L-intimati żiedu jgħidu li r-rikorrenti jridu juru l-interess ġuridiku tagħhom u jġibu 'l quddiem prova li huma ħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) jew l-artikolu 40 tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u d-Donazzjoni (Att XLVII tal-1973) skond il-każ. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa u li ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għaliex ma kien hemm l-ebda teħid forzuż ta' xi ġid min-naħa tal-awtorita' pubblika, u lanqas kien hemm xi ndħil mill-awtorita' fit-tgawdija tal-ġid billi sal-2002 ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda pussess fuq iż-żewġ postijiet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti marbutin mal-każ irid jirriżulta li l-Perit Arkitett Giovanni Domenico Debono kellu erba' wlied – Elena (mart Johan, magħruf ukoll bħala Geo, Furst), Maria (mart Sir Michael Angelo Refalo), Filippa (mart Commendatore Luigi Mazzone) u Giuseppe, aħwa Debono – miż-żwieġ tiegħu ma' Madalena mwielda Naudi. Wara li romol, huwa żżewweġ lil Katerina mwielda Vella, u minn dan it-tieni żwieġ kellu wild ieħor – Alice Debono (mart Edward Turner). Wara li romlot, Katerina Debono żżewġet lil Pawlu Vassallo;

Illi Giuseppe Debono jiġi n-nannu patern ta' wħud mir-rikorrenti, filwaqt li r-rikorrenti l-oħrajn huma werrieta tal-aħwa l-oħrajn Debono fuq imsemmija u żwieġhom[7];

Illi żewġ Elena Debono, Johan magħruf ukoll bħala Geo Furst, kellu nazzjonalita' tedeska;

Illi b'testment sigriet tiegħu li nfetaħ fl-4 ta' April tal-1922, Giovanni Domenico Debono kien ħalla, fost dispożizzjonijiet oħrajn, lil bintu Elena żewġ postijiet fil-Belt Valletta – il-post numru disgħin ittra "A" (90A) fi

[7] Ara Dok "GD3", f'paġ. 141 tal-proċess (l-arblu tar-razza tal-familja Debono)

Triq it-Tejatru l-Qadim u l-appartament numru erbgħa (4) li jagħmel mill-post numru erbgħa u tletin ittra "J" (34J) li jagħmel mill-Binja San Pawl fi Triq il-Punent – b'legat, imma bil-patt li meta tmut ikollha t-tfal. Elena Furst mietet testata bis-saħħa ta' testment sigriet ippubblikat min-Nutar Robert Girard fit-8 ta' Ġunju, 1938, imma bla wlied fit-18 ta' Mejju tal-1938 u qabel żewġha. Il-wirt tagħha kien denunzjat minn żewġha (li fisser lilu nnifsu bħala l-werriet tagħha) fl-1 ta' Settembru tal-1938[8], filwaqt id-denunzja tal-ġid li hija kellha b'użufrutt u li ikkonsolida mal-ġid imħolli lin-nudi proprjetarji l-oħrajn tressqet fl-10 ta' Novembru, 1938;

Illi Giovanni Domenico Debono miet testat fit-23 ta' Marzu tal-1922, u l-wirt tiegħu kien denunzjat fis-26 ta' Jannar tal-1923[9];

Illi bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tas-7 ta' Lulju, 1928[10], fl-atti tan-Nutar Carmelo Farruġia, il-werrieta tal-imsemmi Perit Debono (fost ħwejjeġ oħra) qasmu bejniethom il-ġid li ħalla wrajh missierhom. Sehem Elena Furst kien jgħodd fih bosta ġid immobbli[11], fosthom iż-żewġ postijiet mertu ta' din il-kawża li tħallewlha b'legat fit-testment ta' missierha ma ssemmewx fil-kuntratt imsemmi, li jidher li maż-żmien inbidlulhom in-numri uffiċjali tagħhom;

Illi meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija l-Gvern ħa taħt idejh l-imsemmija żewġ postijiet bis-saħħa tal-Ordinanza tal-1939 dwar il-Kummerċ mal-Għadu (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ordinanza");

Illi meta fl-1963 sar l-Att dwar il-Proprjeta' tal-Għadu (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Att"), l-imsemmi ġid tqiegħed taħt iż-żamma tal-Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu;

Illi b'tibdil li ddaħħal fl-imsemmi Att fl-1999, ingħata l-jedd lil kull min iqis li kien is-sid ta' xi ġid li kien qed jinżamm mill-Kustodju, biex sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2002, iressaq talba mal-istess Kustodju "li permezz tagħha turi li hi tkun l-għadu li għan-nom tagħha l-proprjeta' tkun qiegħda tiġi amministrata jew li tkun il-persuna li jkollha l-jedd tagħmel it-talba f'isimha"[12]. Minbarra li ddaħħlu dawk id-dispożizzjonijiet, il-Kustodju ġab avviżi bil-mezz ta' reklami f'ġurnali lokali fid-9 ta' Diċembru, 2002[13], biex jgħarrfu lil kull min seta' kellu interess li seta' jressaq talba lilu dwar kull

---
[8] Denunzja 1686/38, Dok "LM2" (miżmum għalih mill-atti tal-proċess b'degriet tat-28.6.2011)
[9] Denunzja 151/23, Dok "LM1" (miżmum għalih mill-atti tal-proċess b'degriet tat-28.6.2011)
[10] Dok "GD1", f'paġġ. 32 sa 126 tal-proċess (kopja awtentikata dattiloskritta tiegħu tinsab f'paġġ. 127 sa 140 tal-proċess)
[11] Ara Dok "GD1", f'paġ. 108 tal-proċess
[12] Art. 4(1) tal-Kap 179
[13] Dokti "MFA" sa "MFC", f'paġġ. 167 – 9 tal-proċess

ġid li kien amministrat minnu taħt l-Att u li talba bħal din kellha titressaq sa mhux tard mill-aħħar ta' dik is-sena;

Illi r-rikorrent tqabbad jamministra l-ġid ta' Elena Furst fl-1994[14];

Illi f'xi żmien fl-2005, ir-rikorrent George Debono kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex iroddlu u lir-rikorrenti l-oħrajn lura l-imsemmija żewġ postijiet. Mat-talba bagħat ukoll id-dokumentazzjoni biex issostniha. Id-Direttur bagħtlu kollox lura għaliex qallu li t-talba tressqet wara ż-żmien;

Illi r-rikorrenti fetħu din il-kawża fil-11 ta' Ġunju tal-2010;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-kawża tal-lum, il-Qorti sejra tqis l-ewwel l-**eċċezzjonijiet preliminari** mqajmin mill-intimti;

Illi l-intimati jqajmu tliet (3) eċċezzjonijiet preliminari: (i) li l-azzjoni tar-rikorrenti hija inammissibbli u vessatorja għaliex tirreferi għal fatti li ġraw 'il fuq minn sebgħin (70) senaqabel; (ii) li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha 'kostituzzjonali' biex tisma' din il-kawża, ladarba r-rikorrenti kellhom rimedji oħrajn li bihom setgħu jinqdew u naqsu li jużawhom; u (iii) li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din il-kawża, ladarba l-ġid li dwaru saret l-azzjoni tagħhom ma kienx ħwejjiġhom u lanqas imqar fil-pussess tagħhom;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari jew liema minnhom, jidher xieraq li tosserva li l-fatt li l-ġid mertu tal-każ kien meqjus bħala ġid tal-"għadu" mhijiex ħaġa kontestata mill-ebda waħda mill-partijiet. Dan qiegħed jingħad għaliex, fi kliem l-Ordinanza[15], it-tifsira ta' 'għadu' "ma tikkomprendix persuna minħabba biss li hija sudditu għadu", u ma ntweriex li żewġ Elena Furst kien imdaħħal f'xi ħidma ta' "Stat jew Suvran ta' Stat, fi gwerra mal-Maesta' Tiegħu", għalkemm jirriżulta[16] li, fi żmien qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija huwa kien jagħmiha ta' segretarju tal-Konslu Ġermaniż f'Malta u għadda żmien internat ma' sudditi Ġermaniżi oħrajn fil-kwartieri ta' Verdala[17]. It-tieni osservazzjoni hija li ż-żewġ fondi mertu ta' din l-azzjoni jissemmew speċifikatament (flimkien ma' ġid ieħor li mhuwiex milqut b'din il-kawża) fl-Appendiċi "B" tal-Att bħala ġid li kellu jiġi reġistrat b'titolu assolut f'isem

[14] Xhieda tiegħu f'paġ. 21 tal-proċess
[15] Art 3(1) tal-Ord. XLVII tal-1939
[16] Ara Bonello, G. *Geo Furst: An Artist to Remember* (Malta Study Circle, 2003)
[17] Bonello, G. (mis-sensiela) Nostalgias of Malta: *Images of Geo Furst from the 1930s* (FPM, 2006)

il-Gvern ta' Malta fil-konfront ta' min seta' kellu d-dritt li jressaq talba biex jingħatalu lura, "iżda b'titolu ta' pussess versu terzi"[18];

Illi biex wieħed iqis sewwa l-imsemmija eċċezzjonijiet (u kif ukoll il-kontestazzjoni tal-azzjoni attriċi fil-mertu) jixraq li jżomm quddiem għajnejh li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti titlob: (a) id-dikjarazzjoni li r-reġistrazzjoni tat-titolu favur il-Gvern ta' Malta taż-żewġ postijiet huwa teħid bla kumpens; (b) it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni, biex minflokha ssir ir-reġistrazzjoni favur ir-rikorrenti ; u (ċ) is-sejbien li l-artikolu 4(7) tal-Att jikser il-jedd fundamentali tar-rikorrenti kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-Qorti ssib li l-intimati ma għandhomx raġun. Dak li r-rikorrenti qegħdin jilmintaw minnu mhuwiex il-fatt li, taħt l-Ordinanza, xi ġid li seta' kellu Geo Furst waqa' taħt il-kontroll tal-Kustodju intimat, iżda li dak il-ġid għadda f'idejn il-Gvern bis-saħħa tal-bidliet li ddaħħlu fil-liġi fl-1999;

Illi sakemm għaddew dawk il-bidliet fil-liġi, ma jidhirx li la l-Ordinanza u lanqas l-Art ma kienu jikkontemplaw qagħda fejn il-ġid immobbli skedat kien isir ġid tal-Gvern. Kien minħabba dawk il-bidliet u l-proċedura li tnediet fihom li dak il-ġid seta' jiddekadi favur il-Gvern jekk ħadd ma jirrivendikah;

Illi l-intimati jilmintaw li wara li għadda daqshekk żmien, mhuwiex possibbli għalihom li jivverifikaw l-allegazzjonijiet ta' fatti personali mqajma mir-rikorrenti. Il-Qorti ma tqisx li argument bħal dan tassew juri li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq. Dak li jallegaw ir-rikorrenti jridu jippruvawh huma u mhux l-intimati. Fuq kollox, jekk wieħed ried jinqeda bir-rimedju mogħti bil-bidliet li saru fl-Att, kellu sewwasew iwettaq dan id-dmir li jissoddisfa bi provi xierqa l-pretensjonijiet tiegħu dwar il-ġid miżmum mill-Kustodju, u ma kienx xogħol il-Kustodju li jivverifika dak li l-applikant kien jallega;

Illi kif ingħad bosta drabi, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[19]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher

[18] *Proviso* art. 4(7) tal-Kap 179
[19] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)

"vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[20];

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-ilment imressaq mir-rikorrent huwa tassew fieragħ għaliex il-kwestjonijiet li jqajjem imissu aspetti fundamentali u siewja dwar it-tgawdija ta' ġid li jkun ittieħed f'sitwazzjonijiet mhux normali bħalma hija azzjoni ta' gwerra, u x'imissu jiġri minnha wara li jintemmu l-ostilitajiet;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhijiex sejra tintlaqa';

Illi bit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, l-intimati jgħidu li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat 'kostituzzjonali' u 'konvenzjonali' tagħha ladarba r-rikorrenti naqsu milli jinqdew f'waqtu b'rimedju li ngħatalhom biex ma jaslux fil-qagħda li minnha llum qegħdin jilmintaw;

Illi r-rikorrenti jqisu li ma huwiex minnu li l-liġi kienet tagħtihom tassew rimedju 'ordinarju' xieraq biex jiksbu l-jedd tagħhom bla ma kellhom iressqu l-azzjoni tagħhom tal-lum;

Illi l-Qorti jidhrilha li, f'dan ir-rigward, l-intimati jgħidu sewwa. Ir-rimedju li ngħata mil-leġislatur meta daħħal il-bidliet fl-Att kien wieħed fejjiedi u maħsub biex itemm qagħda li jidher li ma kienx mixtieq li tibqa' mdendla għal dejjem. Il-ġid tal-'għadu' li kien għadu jitmexxa mill-Kustodju intimat ma kienx bla limiti u kien ristrett għal ftit proprjetajiet (minbarra somom ta' flus miġmugħa mill-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji jew flejjes maqbuda f'istituzzjonijiet), u l-leġislatur ried itemm din il-qagħda billi joħloq proċedura biex biha, min deherlu li kellu l-jedd li jieħu lura dak il-ġid, jagħraf kif għandu jimxi biex jitlobha. Minbarra dan, il-proċedura mfassla kienet tagħti wkoll rimedju ta' appell (quddiem tribunal kostitwit u imparzjali[21]) lil min ma kienx jaqbel mad-deċiżjoni tal-Bord speċjali li kellu jinħalaq biex jisma' u jqis talbiet bħal dawn;

Illi, madankollu, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hija għandha jew imissha tagħżel jekk twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża fil-mertu fuq il-kriterju waħdieni msemmi mill-intimati. Kif sewwa jgħidu r-rikorrenti, wieħed mill-ilmenti tagħhom jirrigwarda sewwasew il-liġi nnifisha li taħtha

[20] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)
[21] Skond l-art 4(3) u (4) tal-Kap 179 seta' jitressaq appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni

tfasslet il-proċedura li biha setgħet titressaq talba għall-ħelsien tal-ġid tal-għadu maqbud f'idejn il-Kustodju jew x'messu sar minn dak il-ġid;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha ttenni l-elementi stabiliti bosta drabi mill-Qrati tagħna dwar meta għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha f'kawża bħal din. Tgħid biss li d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;

Illi, mbagħad, jidher ċar li jekk kemm-il darba r-rikorrenti kienu ressqu talba f'waqtha taħt il-proċedura msemmija fl-artikolu 4(7) tal-Att, ma kienx b'daqshekk biss isolvi l-qofol tal-ilment tagħhom dwar il-kostituzzjonalita' tal-istess artikolu tal-liġi. Lanqas ma setgħet din il-kwestjoni titqies mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għaliex ma taqax fis-setgħat tiegħu u, ladarba ma jitqiesx bħala "qorti" għall-finijiet tal-Kostituzzjoni, lanqas seta' jibgħat Riferenza kostituzzjonali lil din il-Qorti biex titstħarreġ il-każ;

Illi, tħares minn fejn tħares lejn il-qagħda, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tkun qiegħda tagħmel xogħolha sewwa jekk kellha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' u tqis il-kwestjoni mressqa quddiemha fil-mertu wkoll;

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi bit-<u>tielet eċċezzjoni preliminari</u> tagħhom, l-intimati qegħdin jgħidu li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku biex imexxu 'l quddiem l-azzjoni tagħhom;

Illi min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni kontra din l-eċċezzjoni. Madankollu, għamluha ċara li huma kienu jqisu lilhom infushom bħala s-sidien taż-żewġ postijiet miżmuma mill-Kustodju intimat u li dan seħħ minħabba dak li kien hemm imsemmi fit-testment tal-awtur antenat tagħhom il-Perit Giovanni Domenico Debono;

Illi l-Qorti tqis li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura

speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali[22] u l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[23], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[24];

Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li jsir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[25];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[26], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[27]. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[28] ;

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[29], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallanqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[30];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[31]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-

---

[22] P.A. (Kost.) RCP **19.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et***
[23] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[24] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[25] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[26] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[27] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[28] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[29] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[30] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[31] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257)**; u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)

Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[32];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[33], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[34];

Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġa' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għemil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan ma għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminenti[35];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ li għandha quddiemha llum, ir-rikorrenti wrew li tassew għandhom interess li jmexxi 'l quddiem il-kawża mibdija minnhom, mhux biss minħabba li l-ilment imqajjem minnhom jaf jinċidi b'mod dirett fuq il-ħarsien tal-jedd tagħhom li jgawdu ħwejjiġhom (jekk tabilħaqq joħroġ li l-ġid imsemmi huwa ħwejjiġhom) u li dak il-ġid ma jittiħidx bla ma jingħataw kumpens xieraq għalih;

Illi, għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u l-Qorti mhijiex sejra tilqagħha;

Illi l-Qorti sejra tqis issa l-**kwestjoni fil-mertu**. Ir-rikorrenti jgħidu li minħabba t-tħaddim tal-artikolu 4(7) tal-Att, huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi dan huwa każ fejn il-Qorti trid tqis separatament l-ilment tar-rikorrenti taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija, u dan għaliex waħda mit-talbiet tar-rikorrenti tolqot sewwasew il-kostituzzjonalita' ta' liġi b'rabta mal-jedd ta' ħarsien minn teħid forzat ta' ġid bla ħlas ta' kumpens xieraq;

[32] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)
[33] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[34] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[35] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et***

Illi <u>safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni</u> irid jerġa' jingħad li l-liġi li r-rikorrenti jsemmu hija l-Att li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Marzu tal-1963. Madankollu, dak l-Att jitkellem dwar ġid li nqabad u nżamm bis-saħħa tal-Ordinanza, li, kif ingħad qabel, daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Settembru, 1939. L-Att kien fis-seħħ meta l-Ordni tal-1964 dwar l-Indipendenza ta' Malta ġab fis-seħħ il-Kostituzzjoni fit-2 ta' Settembru, 1964;

Illi l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: "*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...*". Dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux jgħoddu biss jekk kemm-il darba xi liġi bħal dik (i) iżżid mal-għamliet ta' ġid li jista' jittieħed għal skop pubbliku jew li tolqot xi jeddijiet jew interessi fuq ġid bħal dak; jew (ii) iżżid mal-għanijiet li għalihom jew maċ-ċirkostanzi li fihom dak il-ġid jista' jittieħed; jew (iii) tagħmel aktar iebsa l-kundizzjonijiet li taħthom jitħallas kumpens xieraq għal teħid ta' ġid bħal dak; jew (iv) iċċaħħad xi persuna mill-jedd għall-aċċess għal qorti jew tribunal għall-ħlas ta' kumpens xieraq jew mid-dritt tal-appell mid-deċiżjoni minn qorti jew tribunal bħal dak, kif imfissra gl-artikolu 37(1)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni;

Illi l-intimati jgħidu li l-bidliet li ddaħħlu fl-Att fl-1999 ma jipprovdux għal esproprju jew teħid ta' ġid minn idejn persuni privati favur l-Istat. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu li dawk il-bidliet jissarrfu f'esproprju għaliex minn żamma taħt kustodja (jiġifieri b'amministrazzjoni f'isem sid), il-ġid jispiċċa tal-Istat b'titolu assolut fil-konfront ta' min kellu l-jedd jitlob li jitraddlu lura u b'titolu ta' pussess fil-konfront ta' terzi;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-raġunijiet li jistgħu jwasslu lill-Gvern ta' Malta biex jirreġistra f'ismu ġid li l-Kustodju kien iżomm f'idejh bis-saħħa tal-Ordinanza jew tal-Att ma jikkostitwux teħid ta' ġid kif mifhum fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dak il-ġid jaqa' f'idejn il-Gvern b'dekadenza minħabba li ma jirriżultax min huwa sidu jew għaliex min jgħid li huwa sidu ma jseħħlux jipprova dak li jallega. F'dan, il-Qorti tara xebh ma' dak li jipprovdi l-artikolu 816 tal-Kodiċi Ċivili f'dak li jirrigwarda ġid li jagħmel minn wirt ta' persuna li mietet, fejn il-wirt jaqa' f'idejn il-Gvern għaliex ma hemm ħadd li jista' jippretendih skond il-liġi;

Illi fid-dawl ta' din il-kostatazzjoni, il-Qorti tasal għall-fehma li safejn l-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni tagħhom ma tistax tirnexxi u mhijiex issib li tassew setgħu jġarrbu ksur taħt l-imsemmi artikolu;

Illi l-Qorti sejra issa tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li: "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[36], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[37] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[38]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere*

[36] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61
[37] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[38] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8

*substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*"[39]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[40];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[41], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[42]. Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjeta' u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għamil ikun ta' teħid ta' proprjeta' u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[43];

Illi f'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha, qam argument siewi li jitlob stħarriġ fih innifsu dwar l-ilment tar-rikorrenti. Ta' min jerġa' jsemmi li l-ġid mertu ta' din il-kawża u kif saħansitra msemmi fl-Iskeda tal-Att huwa ġid li jagħmel mill-"Kont ta' George Furst". Dan joħroġ ukoll minn dak li ssemma qabel waqt li l-Qorti kienet qiegħda tqis il-fatti tal-każ, fejn ħareġ li l-ġid inqabad taħt is-saħħa tal-Ordinanza sewwasew minħabba li tqies li hu ġid ta' Furst u mhux għaliex kien ġid ta' martu li, sa dak iż-żmien, kienet diġa' mietet. Minħabba f'hekk l-intimati jgħidu li r-rikorrenti qatt ma kellhom il-pussess ta' dak il-ġid minn sa minn mindu sar il-kuntratt tal-qasma tal-wirt tal-Perit Giovanni Domenico Debono f'Lulju tal-1928, u għalhekk jisħqu li r-rikorrenti ma jistgħux jgħidu li dawk iż-żewġ postijiet kienu tabilħaqq "possedimenti" tagħhom għall-finijiet tal-Konvenzjoni[44];

Illi min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jirrivendikaw it-titolu tagħhom billi jgħidu li dawk iż-żewġ postijiet tħallew lil Elena Furst b'legat minn missierha b'kundizzjoni li fil-waqt ta' mewtha jkollha wlied. Jgħidu li, ladarba Elena Furst mietet bla wlied, dik il-kondizzjoni tal-legat reġgħet

---

[39] *Ibid.* f'paġ. 528
[40] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)
[41] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[42] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[43] K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd. Edit, 2007) paġ. 501
[44] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ.

ġabet lura ż-żewġ posrijiet fil-massa tal-wirt tal-Perit Debono u, għaldaqstant, lura għandhom. Minħabba f'hekk, jisiltu l-argument li l-pussess legali tal-imsemmija żewġ postijiet kien vestit f'isimhom sa mill-mewt ta' Elena Furst, u li kulma kien qed jagħmel il-Kunstodju intimat sa mill-1939 kien li qiegħed iżomm u jamministra dak il-ġid f'isimhom. B'hekk, jistgħu jitkellmu b'wiċċhom minn quddiem dwar il-'possediment' tagħhom dwar iż-żewġ postijiet;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta'. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[45];

Illi jinsab stabbilit ukoll li "*the right or interest can only constitute a 'possession' if it is sufficiently established to be enforceable. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. A person complaining of an interference with his property right must show that such right existed. According to constant case-law, 'possessions' may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a 'legitimate expectation' of obtaining effective enjoyment of a property right*"[46];

Illi f'din il-kawża, minn dan l-aspett, ir-rikorrenti qagħdu biss fuq il-kuntratt tal-qasma tas-7 ta' Lulju, 1928 fl-atti tan-Nutar Carmelo Farruġia. Għalkemm qalu li kienu jridu jressqu kopja tat-testment tal-Perit Giovanni Domenico Debono (fejn jingħad li hemm il-legat favur Elena Furst bl-imsemmija kundizzjoni f'każ li tmut bla wlied), dan baqa' ma sar qatt. Minbarra dan, mill-provi l-oħrajn li tressqu, ħareġ li Elena Furst mietet testata u lanqas kopja ta' dak it-testment ma nġabet quddiem il-Qorti. Meta Geo Furst ressaq l-ewwel denunzja tas-suċċessjoni f'Settembru tal-1938 wara li mietet martu Elena, huwa fisser lilu nnifsu bħala l-werriet tagħha u ż-żewġ postijiet semmihom bħala wirt ġej mingħandha u li sar ġid tiegħu. Min-naħa l-oħra, fid-denunzja tal-konsolidazzjoni tal-wirt ta' Elena Furst mal-ġid tan-nudi proprjetarji

[45] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 517
[46] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit. 2006) § 17.3.1, f'paġġ. 867

(awturi tar-rikorrenti), l-imsemmija żewġ postijiet ma jissemmewx. Il-Qorti tifhem li t-tismija jew nuqqas ta' tismija f'denunzja tas-suċċessjoni la toħloq u lanqas tiċħad titolu, iżda t-tagħrif li jkun ingħata f'denunzja bħal dik jitfa' dawl fuq il-ħsieb tad-denunzjant dwar il-ġid li jkun. Fuq kollox, ir-rikorrenti ma wrewx li huma qatt talbu lil Geo Furst biex iroddilhom il-pussess taż-żewġ postijiet (b'eżempju, b'azzjoni għall-immissjoni fil-pussess) jew li ressqu xi pretensjonijiet kontrih dwarhom saż-żmien imsemmi fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi lanqas ma jidher li ttieħdu xi passi taħt xi liġi dwar il-ġid imsemmi wara l-mewt ta' Furst li ġrat fl-1964[47], u jiġifieri wara li kien daħal fis-seħħ l-Att li dwaru r-rikorrenti jilmintaw. Ir-rikorrent George Debono xehed li hu ħa f'idejh it-tmexxija tal-ġid tal-familja fl-1994, u minkejja dan, ma kienx qabel l-2005 li huwa ressaq talba mal-Kustodju intimat dwar iż-żewġ postijiet, u dan meta ż-żmien pubbliċiżat kien ilu li għalaq tliet snin;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti naqsu li juru li huma tassew kellhom, dwar iż-żewġ postijiet mertu tal-kawża, il-'possediment' tagħhom għall-finijiet tal-Konvenzjoni[48];

Illi dan iġib miegħu il-konsegwenza li ma jifdal l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti għandha tistħarreġ l-aspetti legali l-oħrajn tal-artikolu tal-Konvenzjoni biex tqis jekk ir-rikorrenti ġarrbux tassew ksur tal-jedd imħares minnu;

Illi għall-istess raġuni, ma huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ it-talbiet attriċi l-oħrajn, għaliex dawn jinstiltu kollha mill-ewwel talba u mid-deċiżjoni li tintlaħaq dwarha. Ladarba l-Qorti sejra tiċħad l-ewwel talba, ma huwiex il-każ li tqis l-oħrajn ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimati, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** safejn l-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq il-ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, għaliex dak l-artikolu ma jgħoddx għaċ-ċirkostanzi tal-każ imressaq minnhom;

[47] Bonello G *op. cit.*
[48] F'dan ir-rigward ara b'eżempju Kost. **26.4.2013** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Anthony Camilleri pro et noe vs Marija Camilleri et***

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** safejn l-ilment tagħhom jinbena fuq ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, għaliex jonqsu fir-rikorrenti l-elementi mitluba minn dak l-artikolu biex ikun hemm ksur tiegħu;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' Mejju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**25 ta' Mejju, 2016**